MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 852/2005

**Anthony u Josephine konjugi Mifsud**

**Vs**

**John Fiorini Lowell**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta’ l-atturi li bih talbu li t-Tribunal jillikwida d-danni u jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma verjuri, liema somma tirrapprezenta danni personali li sofra l-attur fuq il-persuna tieghu in segwitu ghall-incident li sehh fl-20 ta’ Jannar, 2004, fi Triq Spinola, San Giljan, meta l-istess attur safa’ mtajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut u dan prevja dikjarazzjoni li dan l-incident gara unikament minhabba

negligenza, imperizija u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittri interpellatorji datati 8 ta’ Frar 2005 u 21 ta’ Marzu 2005, u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi hu mhux responsabbli ghall-incident de quo u ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi. Ghaldaqstant m’hemmx danni x’jigu llikwidati favur l-attur. Minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.

Ra x-xhieda ta’ l-attur li jispjega li fl-20 ta’ Jannar, 2004, kien ghadu kemm ghamel konsenja lir-restaurant China House fi Triq Spinola, San Giljan u kien miexi ser jipprova jaqsam it-triq bejn zewg vetturi, meta ra l-vettura tal-konvenut u ghalhekk ma qasamx. Kien hawn li l-konvenut baqa’ ghaddej u laqtu bil-*mudguard* ta’ wara.

L-attur izid jghid li per konsegwenza ta’ l-incident huwa sofra dizabbilta’ ta’ seba fil-mija (7%) kif jirrizulta mir-Rapport Mediku ta’ Mr Charles Sciberrras u kellu jieqaf jahdem bhala *delivery man* ma’ Crown Cold Stores.

Il-vann tieghu kien jinstab fuq il-bankina faccata tac-China House u sabiex jidhol fil-vann kellu jaqsam it-triq. Jikkonferma li l-vettura tal-konvenut kienet tinstab f’nofs tat-triq, kif jirrizulta mill-iskizz. Il-konvenut kien qabdu bl-ahhar parti tal-vettura. L-attur jikkonferma li l-konvenut ma kienx qed isuq u kien ghaddej normali.

Ra x-xhieda ta’ Robert Camilleri li jahdem mac-China House u li jghid li ma kienx ra l-incident, izda kkonferma li l-attur kien ghadu kemm hareg mir-restaurant u meta rah kien ma’ l-art u vicin kien hemm il-vettura tal-konvenut. Jghid li kien l-attur f’nofs it-triq.

Ra x-xhieda ta’ Ex-PS 738 Spettur Maggur Joseph Cremona li kien investiga l-incident u jghid li skond dak li gie spjegat lilu, l-konvenut kien ghaddej fi Triq Spinola ghaddej fid-direzzjoni lejn Dick’s Bar, meta tajjar lill-attur,

waqt li dan kien qed jaqsam it-triq. Jikkonferma wkoll li fit-triq kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq.

Jghid li minkejja li ma kienx inghata Certifikat Mediku, kien kellem it-tabib li kien qed jiehu hsieb l-attur l-Isptar u dan kien qallu li l-attur kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Izid jghid li wkoll hadd ma qallu jekk il-griehi kienux aktar gravi jew le.

Jghid li l-attur ma kienx qallu li kien qed jghaddi bejn zewg vetturi, izda kien qallu li kien hareg mic-China House u kien qasam it-triq lejn it-trukk tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenut John Fiorini Lowell. Huwa jikkonferma li kien ghaddej bil-vettura tieghu BMW DBX 618 minn hdejn il-Cavalieri Hotel, fid-direzzjoni tad-Dick's Bar. Kien ra lill-attur jaqsam minn wara vann u sabu ma' wiccu.

Jikkonferma li kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq u l-vann ta' l-attur kienet ipparkjata lagenbha ghaliex ma kienx hemm post. Dak il-hin laqtu bil-*mudguard* tal-lemin minn quddiem.

In kontro-ezami jghid li tant gara kollox malajr li ma setax kellu l-hin li jinduna bih meta hareg jigri minn wara l-vann lejn id-direzzjoni tal-vann tieghu. Jghid ukoll li Mifsud baqa' diehel mal-genb tal-vettura tieghu u mhux mill-faccata.

Il-konvenut jichad li kien induna b'Mifsud u pprova jisgiccah.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda incident stradali fejn l-attur safa' mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut BMW li ggib in-numru tar-registrazzjoni DBX 618, fl-20 ta' Jannar, 2004, fi Triq Spinola, San Giljan.

Il-konvenut xehed li hu kien ghaddej minn Triq San Giljan, fid-direzzjoni lejn Dick's Bar, filwaqt li hu fatt stabbilit li l-attur kien hiereg mir-restaurant China House u kien qed jaqsam it-triq.

Dan it-Tribunal ghandu l-kompitu sabiex jiddeciedi min minnhom kien responsabbli, u cjoe' hux il-konvenut li kien ghaddej u tajjar lill-attur ghaliex gara kollox malajr, tant li l-konvenut ma kellux cans jinduna bih, jew l-attur li jghid li hu kien induna bil-vettura tal-konvenut u kien stenna sabiex tghaddi, izda l-istess vettura laqtitu bin-naha ta' wara.

L-attur stess jammetti li l-konvenut kien ghaddej  b'mod normali u ma kienx qed isuq.  Dan ifisser li l-konvenut kien ghaddej kif suppost bid-dritta u ma kienx hemm xi haga barra min-normal.  Anki l-istess skizz, jindika li l-konvenut kien jinstab fil-karreggjata t-tajba u kien qed isuq b'mod normali.

Punt iehor huwa li l-attur jghid li kien rah il-vettura tal-konvenut gejja u ghalhekk ma kienx qasam, pero' min-naha l-ohra, jghid li kien hareg bejn zewg vetturi u kien qasam it-triq sabiex imur hdejn il-vettura tieghu.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza citata mill-konvenut fit-trattazzjoni tieghu **"Vincenzo Borg Vs Karl Jude Bonnett – deciza fl-10 t'Ottubru, 2005 Appell",** fejn il-mertu huwa simili ghall-mertu tal-kaz, fejn hemm spjegat b'mod esplicitu l-obbligi tal-"pedestrian," u dak tas-sewwieq. It-Tribunal jikkwota minn din is-sentenza l-istess obbligi bhala tali:-

***"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'oppost fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza."***

**Il-Pulizija Vs Alfred Caruana Appell Kriminali, 14 ta' Mejju, 1955 (Kollezz. Vol. XXXIX P IV p.1031).**

Mix-xhieda ta' l-attur li jikkonferma li kien hareg minn bejn zewg vetturi u l-istess jikkonfermah f'dak li kien qal lill-pulizija, kif ukoll meta t-Tribunal iqis il-pozizzjoni ta' kif spicca l-attur meta safa' mtajjar, il-verzjoni tal-konvenut tidher aktar wahda kredibbli.

Il-ligi tippretendi li meta *pedestrian* ikun ser jaqsam juza prudenza, izda lanqas min-naha l-ohra, sewwieq ghandu jippresumi li dik il-persuna li qed taqsam, i.e. *pedestrian*, kien normali fil-komportament tieghu.

Dak huwa effettivament x'gara f'dan il-kaz. Il-verzjoni u c-cirkostanzi kif sehhew iwasslu lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-attur bil-fors hareg jghaggel minn bejn zewg vetturi bla ma qaghad iqis sewwa r-riskji jekk kienux gejjin vetturi. Fil-fatt, il-konvenut laqtu fuq ix-xellug tieghu u bil-genb tal-vettura tieghu, mhux minn quddiem u kien ghalhekk li waqa' fuq il-lemin tieghu. It-triq b'vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat kienet prattikament iddejjqet izda l-vizwali ghall-konvenut kienet dritta b'mod li seta' jara lill-konvenut kieku dan tfacca minn quddiemu. Mid-dinamika ta' l-incident, pero', huwa ovvju li l-attur hareg jew ipprova johrog meta anki hu seta' jikkonstata li kien hemm vettura qed tavvicina u ghalhekk kellu d-dover li jiehu prekawzjoni effikaci u jistenna li tkun ghaddiet qabel ma jittenta jkompli jaqsam. Kif jidher li graw l-affarijiet huwa ovvju li l-attur ma hax il-prekawzjonijiet necessarji u espona lill-persuntu b'mod li seta' jintlaqat kif effettivament gara.

Huwa veru wkoll li kollox gara tant malajr li fil-mument li l-attur kien hiereg minn bejn il-vetturi, fl-istess hin u waqt, ghadda l-konvenut bil-vettura tieghu bid-dritta u ma setax jevita lill-attur jekk dan anqas kien fil-vizwali tieghu. Pero' dan hu argument iehor kontra l-attur li ma spjegax ghala kellu jkun fil-pozizzjoni li kien meta ntlaqat u mhux aktar lura. Dan l-incident ma setax jigi evitat mill-konvenut li del resto ma kienx qed isuq imprudentement. Kien hemm

effettivament l-“emergenza subitanea,” msemmija fil-kaz citat li ghandha tiskansa lis-sewwieq minn kull htija.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------